# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 5 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 730/99**

**Numru 30**

**Gasan Insurance Agency Limited u b'nota tas-26 ta' Ottubru 1999 is-socjeta GasanMamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-poza fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Dalmas**

**vs**

**Carmelo Demanuele**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. jigi dikjarat lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-3 ta' Awissu 1998 fl-Msida waqt li l-konvenut kien

qed isuq il-vettura Nru. GVH 415, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru GAM 592 propjieta ta' assikurat tal-attur, David Dalmas, u ikkaguna hsarat f'din il-vettura.

2. Jigi likwidat d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' erba mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u erba centezmi (Lm426.04) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali tal-1 ta' Marzu 1999, tal-konsult (Lm12.00) kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 9 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident tat-traffiku li sehh fit-3 ta' Awissu gara minhabba negligenza, traskuragni

u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' regisrazzjoni GAM 592.

2. Illi l-eccipent ma kienx responsabbli ghall-incident de quo stante illi kien prudenti u osserva r-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan tieghu.

3. Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, filwaqt li ssir referenza ghal dak verbalizzat a fol 29 tal-atti, jidher li f'dan il-kaz gew prodotti biss is-segwenti provi u dan unikament da parti tas-socjeta attrici:

a) <u>David Dalmas</u>, l-assikurat tas-socjeta' attrici nomine (fol 24 u 25 tal-atti) spjega li hu kien qed jsuq il-vettura GAM 592 u kien waqaf fuq il-"lane" ta' gewwa qabel id-dwal tat-traffku fl-Imsida, faccata ta' Triq Regjonali. Fuq l-"lane" l-iehor fuq il-lemin tieghu, kien hemm, wieqaf ukoll, "bowser" governattiv numru GVH 445, misjuq mill-konvenut. Kif id-dwal saru hodor, kemm ix-xhud kemm il-konvenut saqu lejn il-bidu tat-telgha' tal-istess Triq Regjonali (ara l-<u>iskizz</u> a fol 16 tal-atti). Pero,

hawnhekk skond l-istess xhud, il-konvenut ha d-decizzjoni li jaqleb ghal go l-"lane" fejn kien qed jsuq l-istess xhud waqt li dan kien esattament hdejh ossija fuq in-naha tax-xellug tal-"bowser". Bhala konsegwenza, il-vettura misjuqa mix-xhud intlaqtet mill-"bowser" fuq in-naha tal-lemin (Dwar il-hsarat ara r-ritratti esebiti mix-xhud a fol 27 tal-atti).

b) PS 78 Joseph Cremona (fol 12 et seq ibid) li esebixxa oltre l-iskizz imsemmi, kopja tar-rapport (fol 17 u 19 ibid). Minn dan id-dokument, waqt li jidher li David Dalmas kien stqarr fis-sustanza dak li xehed quddiem din il-Qorti, l-konvenut kien stqarr ".... when the other car which was on the inner lane drove past from the inside and whilst doing so hit against my vehicle". Jigi notat, in rigward hsara, li waqt li ma kien hemm ebda sinjal ta' daqqa fuq il-"bowser" involut, dik fuq il-karozza misjuqa minn David Dalmas kienet tinvolvi il-bieba ta' wara sal-"mudguard" fuq quddiem, dejjem fuq in-naha tal-lemin.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li dan l-incident gie kagunat minn negligenza cara da parti tal-konvenut li iddecieda li jaqleb mill-"lane" ta' barra ghal dik ta' gewwa minghajr id-debita attenzjoni sabiex jara u

jkun cert li ma kienx hemm vettura jew vetturi fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Illi, dan premess, ir-responsabilta' ta' dan l-incident trid tigi akkollata lill-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-"quantum" ta' danni pretizi ma giex kontestat waqt li l-istess ammont jidher gustifikat tenut kont tal-hsara involuta, kif murija fir-ritratti, gja imsemmija (Fol 27 ibid).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba sewqan negligenti, imprudenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm426.04,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm426.04,0 bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Mejju 1999 sad-

data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi Lm12 ghall-konsult u dak tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg